MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 7/1996/3

**Konkors ta' Kredituri.**

**-vs-**

**Mario Abela.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju, 1996 li permezz tiegħu s-soċjeta' Mid Med Bank Limited esponiet bir-rispett:

Illi wara diversi mandati ta' Sekwestru maħruġa minn diversi kredituri ta' l-intimat ġiet depositata s-somma komplessiva ta' elfejn, disa' mija u erbgħin Lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu (Lm2,940.18) permezz ta' numru ta' ċedoli hawn taħt imsemmija:

(a) Ċedola Numru: 1221/95 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Valentino Xuereb et pro et noe vs Mario Abela għas-somma ta’ erba’ mija, tlieta u għoxrin Lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm423.20);

(b) Ċedola Numru: 1226/95 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Francis Zammit Cordina vs Mario Abela għas-somma ta’ seba’ mija, ħamsa u sittin Lira Maltina u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm765.97);

(c) Ċedola Numru: 157/96 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Valentino Xuereb et pro et noe vs Mario Abela għas-somma ta’ sittin Lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm60.15);

(d) Ċedola Numru: 158/96 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Francis Zammit Cordina vs Mario Abela għas-somma ta’ tliet mija, sitta u għoxrin Lira Maltija u erbatax-il ċenteżmu (Lm326.14);

(e) Ċedola Numru: 272/96 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Roger Satariano pro et noe vs Mario Abela għas-somma ta’ mija u ħmistax-il Lira Maltija u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm115.64);

(f) Ċedola Numru: 273/96 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Valentino Xuereb et pro et noe vs Mario Abela għas-somma ta’ mitejn, disgħa u sebgħin Lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm279.87);

(g) Ċedola Numru: 330/96 fl-ismijiet: Medairco Limited vs Raymond Vella vs Mario Abela għas-somma ta’ ħames mija, wieħed u disgħin Lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm591.92);

(h) Ċedola Numru: 516/96 fl-ismijiet: Power Projects

Limited vs Mid-Med Bank Limited vs Mario Abela għas-somma ta’ mitejn, u ħamsa u disgħin Lira Maltija (Lm295);

(i) Ċedola Numru: 517/96 fl-ismijiet: Power Projects Limited vs Roger Satariano et noe vs Mario Abela għas-somma ta’ tnejn u tmenin Lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm82.29).

Illi b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi deċiża fit-23 ta’ Frar, 1995 (Ċitazzjoni Numru: 337/94F) (Dok. ‘A’) l-esponent nomine ġie kanonizzat kreditur ta’ l-intimat f’somma akbar mis-somma depositata permezz taċ-ċedoli surreferiti;

Illi għalkemm mid-data tas-sentenza fuq imsemmija saru diversi pagamenti akkont, l-intimat għadu debitur tas-soċjeta’ rikorrenti għal bilanċ akbar mis-somma depositata permezz taċ-ċedoli fuq imsemmija;

Illi meta l-Mid-Med Bank Limited talab l-iżbank ta’ din is-somma Raymond Vella, Roger Satariano & Sons Limited, James Camilleri & Sons Limited, Francis Zammit Cordina opponew għal dan l-iżbank;

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ftuħ tal-konkors ta’ kredituri kontra Mario Abela.

Rat illi a fol 93 tal-proċess l-istess soċjeta’ iddikjarat li l-isem tagħha nbidel għal HSBC Bank Malta plc.

Rat it-talbiet varji li saru mid-diversi kredituri ta’ l-imsemmi Mario Abela.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino a fol 123 tal-proċess.

Rat il-verbali varji li permezz tagħhom il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-atti tal-kawża l-bank rikorrent qed jitlob li jiżbanka s-somma ta’ elfejn, disa’ mija u erbgħin Lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu (Lm2,940.18) depositata l-Qorti in segwitu għaċ-ċedoli ta’ depositu msemmija fir-rikors fil-konfront ta’ Mario Abela. Ippreżentaw rikors in segwitu għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artiklu 416 tal-Kapitlu 12 l-istess bank u diversi kredituri oħra. Jirriżulta li fil-waqt li l-kredituri l-oħra huma kredituri ordinarji, il-bank huwa kawtelat bi tliet iskrizzjonijiet ipotekarji (tnejn iskritti fl-1988 u ohra fl-1991), is-soċjeta’ James Camilleri & Son Limited insinwat ipoteka ġenerali fl-1997 u Joseph Galea insinwa żewġ ipoteki fl-1994 u 1998. Għalhekk billi skond l-Artiklu 2092 tal-Kapitlu 16 il-krediti jitħallsu skond l-ordni ta’ l-iskrizzjoni ma hemmx dubbju li l-HSBC Bank jikkonkorri l-ewwel u l-kreditu tiegħu jeċċedi l-ammont depositat.

Fir-rigward tal-kreditu tal-Kummissarju tat-taxxi interni kif sewwa irrimarka l-perit legali, il-privileġġ kontemplat fl-Artiklu 23(11) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-taxxa jipprovdi li dan japplika biss fuq l-assi ta’ min iħaddem u għalhekk ma japplikax għal kreditu tal-Kummissarju għal qligħ ordinarju. F’dan il-każ kienet soċjeta’ proprjeta’ tad-debitur li kienet tħaddem in-nies u mhux id-debitur personalment u kif jidher ċar mill-atti l-konkors huwa fir-rigward ta’ Mario Abela personalment.

L-uniku kreditu li jippreċedi dak tal-bank għalhekk huwa dak ta’ l-ispejjeż tal-kawża dovuti lir-Reġistratur tal-Qorti ai termini ta’ l-Artiklu 2003 tal-Kapitlu 16. L-ispejjeż tal-perit legali billi ġie tħallsu mill-bank ma hemmx għalfejn jiġu msemmija fid-disposittiv tas-sentenza għalkemm naturalment il-bank għandu

dritt joħodhom lura bħala parti mill-ispejjeż ġudizzjarji li dwarhom il-Qorti dejjem tipprovdi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tordna li l-ammont komplessiv ta' elfejn, disa' mija u erbgħin Lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu (Lm2,940.18) depositati l-Qorti permezz taċ-ċedoli msemmija fir-rikors promotur jiġu liberament sbankati mill-HSBC Bank Malta plc salv li għandhom jitħallsu l-ewwel l-ispejjeż ġudizzjari kollha dovuti lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mid-debitur Mario Abela.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------